# "MILL-ISTORJA TAL-KNISJA PARROKKJALI TA' SAN ĠORĠ" ŻWIEĠIJIET mis-sena 1556 sas-sena 1625

*(Jissokta mal-Ħarġa "Festi San Ġorġ" Għawdex 1987)*

*John Bezzina*

**L-ASSEDJU TAL-1551**

Is-sena 1551 l'hekk imsejjħa ta' l'Assedju t'Għawdex, kienet waħda fost oħrajn li ġraw qabel, waħda ta' qirda, imma fl-istess ħin, kienet il-'BIDU' ta' tnissil ta' ħajja ġdida, għal Għawdex. F'dan l-Assedju, madwar 700 raġel u 5,000 bejn nisa w tfal ittieħdu ilsiera. Nafu wkoll li mat-300 ruħ iddenlu mas-swar u ħarbu lejn il-kampanja, qabel ma 'nfetħu l-bibien tal-belt, f'dak il-Lejl ta' Għajb, il-lejl ta' S. Ġakbu.

Nafu wkoll li minn dawk il-5,700 ruħ li 'ttieħdu ilsiera, ftit li xejn ġew mifdija. Dawn kienu dawk li kellhom biex jinfdew, jew kellhom min jifdihom. Il-bqija, u fosthom insibu wkoll min kellu biex jinfeda, ċaħdu ir-reliġjon u baqgħu hemm, jgħixu imxanxna f'xi ħarem (Bħal Pawla mart Andrea Ciappara). Oħrajn mietu fil-jasar, b'risultat li ħafna kunjomijiet, ħafna familji ta' qabel l-1551 għabu. Min kienu dawn l-Għawdxin, x'kunjom kellhom?

**IL-KUNJOMIJIET LI NAFU**

Ftit mill-kunjomijiet pre-esistenti qabel l-1551 nafu liema kienu - dawk ta' Ġidd nobbli - dawk li kienu jistgħu, dawk li kellhom is-setgħa', imma l-akbar għadd fost l-ilsiera - il-popolin- ma nafux min kien. Dawn imsieken qabel l-Assedju ma kellhom xejn, jew ftit li xejn, allura isimhom ma nsibuhx fl-Atti Notarili, testmenti, kodiċilli u legati. La nafu isimhom u l-anqas kunjomhom. Dawn twieldu, għexu fil-għaks, u mietu fil-jasar, inqerdu u intesew. Iżda kienu huma s-sinsla tad-dahar ta' Għawdex, kienu huma li issieltu għal-Għawdex, kienu huma li kienu jgħassu, kienu huma il-bdiewa, kienu huma fid-dejma u fil-Kavallerija. U jekk ma jinstabux listi tal-Għassa, jew listi tal-Angara t'Għawdex ta' qabel l-1551, qajla nistgħu 'nkunu nafu l-kunjomijiet tagħhom.

Fil-maġġoranza tagħhom il-kunjomijiet li waslulna pre-esistenti qabel l-1551, huma ta' nies li kienu għonja u għolja fil-kariga tagħhom-ċivili jew ekklesjastika - għax tagħhom jeżistu dettalji f'dokumenti kemm notarili u kemm ekklesjastiċi. U sakemm ma jinstabux bħal dawk li semmejna - tal-popolin- ma nistgħux ngħidu li ċerti kunjomijiet ma kienux jeżistu f'Għawdex qabel l-1551. Daqshekk ieħor ma nistgħux ngħidu fiż-żgur, minħabba l-istess raġuni li kunjomijiet l-aktar komuni, li jissemmew wara dan l-Assedju f'Għawdex, daħlu wara l-Assedju tal-1551. Imma tal-inqas aħna ġbarna il-kunjomijiet kollha li ma jissemmewx qabel dan l-Assedju u s-sena li fiha ssemmew l-ewwel darba f'Għawdex wara l-1551.

**GĦADD TA' MALTIN IMĦEĠĠA JMORRU GĦAWDEX**

Huwa minnu li għadd ta' Maltin wara l-1551 ġew imħajjra u mħeġġa bl-għoti tad-dota biex jitilgħu jgħammru f'Għawdex l-aktar bejn l-1552 u April 1565, għalkemm ġew oħrajn wara l-Assedju l-Kbir. L-isem tal-fonti ta' dawn il-Maltin li ġew Għawdex per eżempju: Domenico u Domenica, Vincenzo u Vincenza, Caterina (da Siena) u Martino, donnu jindika li dawn il-Maltin kienu mill-Birgu, fejn sa l-1571 il-Knisja ta' S. Duminkunu (Tal-Lunzjata) kienet użata bħala l-knisja parrokkjali minflok S. Lawrenz, li kien ittieħed mill-Kavallieri bħala il-Knisja Konventwali tagħhom, jew mir-Rabat, bħal ma jindikaw ismijiet oħrajn.

**L-ASSEDJU 1565**

Nafu li sa mill-1564 il-Kavallieri kienu diġa jafu li 'it-Torok' kienu qed iħejju qawwa kbira għal kontra Malta. Nafu wkoll li matul l-Assedju l-Kbir ħadu sehem 6,702 Malti, u 2, 149 Kavallieri u suldati merċenarji, b'kollox 8,851 ġellied. Hemm min jgħid li l-għadd ta' mejtin min-naħa ta' l-Ordni matul l-imsemmi Assedju kien ta' 7,000 ruħ, imma mir-riċerki li għamilna aħna, irriżulta li din il-figura, hija ta' xjuħ, nisa u tfal, filwaqt li suldati Maltin (mhux barranin jew Kavallieri) tela' għal-2,159 ruħ. F'S. Iermu biss tilfu ħajjithom 545 suldat Malti, fil-maġġuranza tagħhom Qriema u Karkarisi.

## WARA L-ASSEDJU

Minbarra dan, il-fatt li wara l-Assedju kien hemm nuqqas ta' rġiel f'Malta, f'Marzu 1566 ingħata bidu għal belt Valletta, u l-Maltin, kellhom fejn jaħdmu, qrib il-familji tagħhom, u b'aktar sigurtà, milli kieku kellhom jitilgħu Għawdex biex jaħdmu u jagħmmru. F'Malta kien hemm xogħol kemm trid, qtugħ ta' ġebel, ġarr, inġir, bini, tħaffir ta' fossijiet, bini ta' swar, palazzi u knejjes fl-istess żmien u ilkoll f'daqqa. Imma anke wara l-Assedju tal-1565 tfaċċaw f'Għawdex kunjomijiet ġodda li ma jissemmewx qabel l-1551.

## ERBA KNEJJES "PARROKKJALI" F'GĦAWDEX BEJN L-1551-1575

Bejn l-1551 u l-1575 f'Għawdex kien hemm il-'Parroċċa' ta' Savina, il-"Parroċċa' ta' S. Ġakbu, t-tnejn fir-Rabat. Dawn iż-żewġ 'parroċċi' għalkemm (ġjuridikament) baqgħu magħrufa bħala 'tali' sa l-1575, ma kienux **attivi,** tant li 'l-Kappillan' ta' waħda, l-Għawdxi D. Andrea de Federico (li aktarx kien waqa' ilsir fl-1551 u nfeda', fl-1575 kien ilu diġa' 24 sena joqgħod fi Sqallija, u l-'Kappillan' ta' l-oħra l-Malti D. Ġużepp Bellia, kellu f'idejh il-Parroċċa ta' Birkirkara, (u **ħwejjeġ oħra** f'hiex jehda f'Malta) u li kienu jaħilbu aktar.

## 'PARROĊĊI' SORPRESSI

Dawn iż-żewġ 'parroċċi' fis-sena 1575, (mhux biss ġiet SOPPRESSA l-'parrokkjalita', tagħhom, imma talli ż-żewġ knejjes ġew IPPROFANATI, u l-pisijiet - dmirijiet u ġid li kellhom 'UFFIĊJALMENT' ġew mgħoddija lill-KNISJA PARROKKJALI TA' S. ĠORĠ FIR-RABAT UKOLL, u mhux lil DIK ġewwa l-Kastell.

## MONS PIETRO DUSINA

Mons Pietru Dusina, imkeċċi minn Napli fis-6 ta' Marzu, 1573, telaq lejn Ruma minn fejn fit-3 ta' Lulju, il-Papa Girgor XIII, biex jeħles minnu, u billi kien jaf kemm kien 'iebes) fit-3 ta' Lulju 1574 intbgħat hawn sabiex bħala VISITATUR APOSTOLIKU 'jirranġa' it-taħwid bejn il-knejjes ta' Malta u Għawdex, u tal-Qassisin li jieħdu ħsiebhom, kif ukoll bħala inkwiżitur...

Waqt il-profanazzjoni taż-żewġ knejjes: San Ġakbu u Savina, Dusina ma uża l-ebda waħda miż-żewġ espressjonijiet li wża meta żar il-Knisja ta' S. Ġwann Battista fil-Kastell: "**...vel in Ecclesia maiori...**" jew fiz-Zuntier tar-Rabat: "**...ideo cognitandum est de translatione in Eccla. Maiori Pdcti. Castri...**" jew "**Ecclam. parolem. dicti Castrum...**"

## ĦIDMA PARROKKJALI BEJN L-1575-1623

B'hekk ġara li wara' l-Assedju tal-1551 sa l-1623 f'Għawdex kollu kemm hu, u għal Għawdex kollu kemm hu kien hemm biss żewġ Knejjes b'ħidma parrokkjali, dik ta' S. Ġorġ il-barra mis-Sur fir-Rabat - u dik ta'S. Marija tal-Kastell u fil-kastell. Dan ifisser li kull żwieġ li seħħ f'Għawdex bejn l-1551 u l-1623 ġie amministrat jew f'waħda jew fl-oħra.

## LURA MILL-JASAR

Nafu li sat-3 t'Awwissu 1552, il-Kan. Nutar. D.Lawrenz De Apapis, Kappillan ta' S. Ġorġ u Vigarju Foranew għal Għawdex mhux talli kien diġa' infeda mill-jasar u kien fil-Parroċċa tiegħu il-Barra mis-Sur, imma f'dan il-jum kien diġa kiseb il-benefizzju ta' S. Mikiel taz-Zuntier (Atti. Giacomo Baldacchino: 2-9-1552)

## "IL-PARROĊĊA" TA' L-ASSUNTA TAL-KASTELL

Mons. Pietru Dusina, għax kien bniedem li jimxi għad-dritt, tkeċċa minn Napli mill-Vicere il-Kardinal Granvella u fi żmien erbgħa u għoxrin siegħa mġiegħel jitlaq mill-belt, liema tkeċċija ġiet ikkonfermata mir-Re Filippu II ta' Spanja b'ittra tat-13 ta' Lulju 1573. Kif għidna Dusina mar Ruma minn fejn il-Papa, għax kien jaf kemm huwa iebes, bagħtu hawn bħal Inkwisitur. Dusina kien bniedem serju, iebes u metikoluż. Għalhekk għandna niżnu sewwa kull kelma li huwa niżżel fir-rapport tiegħu.

Imkien matul il-Viżta ta' Dusina ma nsibu li l-knisja ta' l-Assunta 'parrokkjali' tal-Kastell u fil-Kastell ma tissejjaħ 'MATRIĊI'. Imkien fl-istess żjara ma nsibu li din il-knisja 'parrokkjali' tal-Kastell, kellha wkoll xi ġurisdizzjoni fir-Rabat jew fil-kampanja.

Dusina jsejjħilha: "**...ad principalem Ecclam, Castri dae insula...**". Issejjħilha wkoll: "**...Eccla. Maiori...**", jew: "**...in Eccla. Majori Castri poti...**" inkella: "**...in Ecclam. Parolem, intus castrum...**" Matul l-istess Visita Pastorali jsejjaħ lil Kappillan: "**...Parrochus Ecclae. Parolis. sub vocabulo Stae. Mariae Assumptionis Castri Gaulorum...**", isejjaħlu wkoll: "**...Parrochus dtae. Ecclae. Assumptionis B. Mariae dt. Castri...**" inkella: "**...D. Antonius Tardus Parochus Ecclesia di Castri...**".

U dan il-Kappillan: "**...D. Antonius Tardus Parochus Castri Gaulorum...**", imkien fl-intervisti li kellu ma l-istess Visitatur Dusina, ma jgħid li kien kappillan tal-kampanja, imkien ma jsejjaħ il-knisja 'parrokkjali'

tiegħu bħala 'Matriċi', imkien ma jgħid li kien kappillan ta' x'imkien ieħor għajr 'TAL-KASTELL', u imkien ma jgħid li kellu xi ġurisdizzjoni parrokkjali fir-Rabat jew fil-kampanja. Dan kif kienu l-affarijiet fl-1575, u dan huwa 'Dokument Ekklesjastiku uffiċċjali', anzi l-akbar u l-aktar dokument dettaljat sas-sena 1575.

**IL-LIĠI 'in vigore' (1530-1637)**

Nafu wkoll li skond il-liġi 'in vigore' dak iż-żmien fil-għaxijiet il-Kappillan ta' S. Ġorġ, il-Kan. D. Lawrenz de Apapis, li kif għidna kien ukoll Vigarju Foranew, kien jorqod f'wieħed mil-palazzi li kellu fil-Kastell 'in Ruga Casenica', għalkemm kellu wkoll darboħra fil-Ħâra d-Dejqa fir-Rabat. Dan kien jagħmlu bħal ma kienet tagħmlu l-maġġuranza tal-popolazzjoni Għawdxija, billi kulħadd kien obbligat, taħt pieni iebsin, li jorqod hemm fuq. Dan l-obbligu dam **in vigore** sal-15 t'April 1637, meta ġie 'mneħħi' mill-Gran Mastru Jean Paul Lascaris Castellar.

Dan l-amar jixhed, anzi jurina ċar, li sakemm dam 'in vigore', kull gorboġ fil-Kastell fil-għaxijiet kien ikun mimli bin-nies, filwaqt li matul il-jiem bejn ir-Rebbiegħa u l-Ħarifa, kienu jibqgħu Hemm Fuq, xjuħ, morda u tfal. Dan ifisser li l-Knisja ta' l-Assunta 'Parrokkjali' tal-Kastell u fil-Kastell, kienet għas-servizz tar-residenti permanenti fl-istess kastell, u kienet isservi ta' "PARROĊĊA TA' ĦTIEĠA" matul l-iljieli lill-Għawdxin kollha hemm ġew miġbura għal-kenn, kemm jekk morda u kemm jekk xjuħ u tfal, **u matul dawk il-jiem li ma tulhom minħabba xi biża ta' xi attakk il-poplu kollu kien jinġabar hemm ġew u jingħalqu l-bibien.**

**LIMITI???**

Terġa' u tgħid nafu li għalkemm sa l-1625 ma kienx hemm limiti definiti bil-miktub, però nafu: (i) Li mkien la Dusina u l-anqas il-Kappillan ta' l-Assunta ma jsemmu li l-knijsa ta' l-Assunta kellha xi ġjurisdizzjoni l-barra mis-sur, (ii) Nafu wkoll li l-purċissjonijiet li kienu joħorġu mill-knisja ta' l-Assunta kienu jduru biss **"mat-toroq"** il-ġewwa mis-Sur. Barra mill-ħitan kienet toħroġ biss xi waħda votiva, u dan tard ħafna fis-seklu XVI, u wara ż-Żjara ta' Mons. Dusina, (iii) Konferma oħra ta' dan li qed ngħidu 'nsibuha wkoll fl-istess Visità Pastorali tal-1575. Infatti mill-knejjes kollha li Dusina ipprofana għal kollox jew issoppressa għal xi żmien sakemm jitranġaw fir-Rabat u fil-kampanja, waħda biss: dik ta' S. Ġwann Evanġelista fiz-Zuntier ried li l-beni u l-piżijiet tagħha jaqgħu fuq S. Marija tal-Kastell, mill-bqija l-oħrajn kollha jaqgħu fuq S. Marija tal-Kastell, mill-bqija l-oħrajn kollha għaddihom lill-knisja Parrokkjali ta' S. Ġorġ. Għadda wkoll lil dik tal-Kastell, il-knisja ta' S. Ġwann Battista fl-istess Kastell. Dan kif kienu l-affarijiet fl-1575.

**IL-MANUSKRITT TAL-KURJA TA' L-ISQOF**

Fl-ewwel taqsima ta' dan li studju, konna għidna li miżmim fil-Kurja ta' l-Isqof t'Għawdex hemm manuskritt (u li qabel, sa Żmien l-Arċipriet Cefai - li ma Għawdex kollu kien magħruf bħala l-Arċipriet ta' S. Ġorġ - kien miżmum f'daru ma' reġistri oħra), li jinkludi fih, Magħmudijiet li saru f'Għawdex sa mis-27 ta' Frar 1554, Griżma tal-Isqof, Żwieġijiet sa mill-25 ta' Diċembru 1556 u Mwiet. Hawn ta' min jgħid li l-ewwel żwieġ elenkat fih huwa dak ta' Giovanni Curmi ma Angela Muscat bint Giovanni, u li dan is-Sagrament taż-Żwieġ ġie amministrat mill-Kan. Kappillan ta' S. Ġorġ, Dun Lawrenz De Apapis, dik il-ħabta wkoll Vigarju Foranew. F'dan ir-reġistru ma hemmx f'liema knisja ġie amministrat is-sagrament taż-Żwieġ

**MANETTA-MANETTA**

Il-lum dan ir-reġistru li jibda mill-1554 sa l-1628, huwa miftuq manetta manetta skond is-suġġett. F'dawn 72 sena (1556-1628) insibu reġistrati fih 588 żwieġ li saru f'Għawdex, li bejn l-għarajjes wil-ġenituri tagħhom jinvolvu 3,528 ruħ. Sabiex wieħed jasal għal vera popolazzjoni t'Għawdex matul dawn it-72 sena, irid inaqqas jew aħjar jgħodd darba biss, dawk il-ġenituri, li isimhom jidher aktar minn darba, għax kellhom aktar minn tifel jew tifla waħda li żżewġu. Irid inaqqas dawk kollha li mietu, ittieħdu fil-jasar, jew telqu minn Għawdex minn żmien għal żmien, imma imbagħad irid iżid wkoll dawk kollha li twieldu f'Għawdex u ma mietux fl-istess żmien, dawk kollha li kienu Għawdex u li ma kienux miżżewġa, għożżieħa, xebbiet u qassisin matul l-istess żmien.

**INQASSMU Ż-ŻWEĠIJIET**

Għal li skop ta' dan li studju, jenħtieġ li dawn il-588 żwieġ inqassmuhom skond ċerti snin u l'għaliex qed nagħmlu dan it-tqassit wieħed jifhmu meta jaqra li studju kollu.

Mill-1556 sa Frar 1575 jiġifieri sal-Viżta ta' Dusina nsibu reġistrati 159 żwieġ li bejn għarajjes u ġenituri jinvolvu 954 ruħ. Minn April 1575 sa l-1604 hemm elenkati 117 il-tieġ li bejn għarajjes u ġenituri jinvolvu 702 ruħ. Mill-1605 sa l-1613 hemm imniżżla 127 tieġ li jinvolvu 762 ruħ. Mill-1614 sa Jannar 1615 jissemmew 13 il-tieġ li jinvolvu 78 ruħ. B'kollox mill-1556 sa Jannar 1615 għandna **416** il-tieġ, li bejn għarajjes u ġenituri

jinvolvu, 2,496 ruħ. Min April 1615 sa l-1625 insibu 131 tieġ li jinvolvu 786 ruħ oħra. Mill-1625 sa l-1628 insibu 41 tieġ ieħor li jinvolvu 246 ruħ oħta. B'kollox minn Diċembru 1556 sa Diċembru 1628 insibu 588 tieġ li bejniethom jinvolvu 3,528 ruħ.

## FEJN SARU DAWN IŻ-ŻWIEĠIJIET?

Kif għidna f'dan il-volum tal-Kurja ma nsibux indikazzjoni fejn ġew amministrati dawn iż-żwieġijiet, u l-anqas allura kemm saru fil-knisja Parrokkjali ta' S. Ġorġ fir-Rabat, u kemm minnhom saru fil-Knisja ta' S. Marija 'Parrokkjali' tal-Kastell, jew aħjar kif sejjħilha Dusina "**...il-knisja maġġura tal-Kastell...**". L-uniku ħjiel jew indikazzjoni nistgħu neħduha biss mill-isem tal-Kappillan li amministra iż-żwieġ, imma anke b'hekk ikollna biss ħjiel. Żgur li wħud minnhom iżżewwġu f'S. Ġorġ, kemm ma nafux, għax dan huwa studju ieħor li għad irid isir, imma fosthom insibu it-tieġ tas-26 ta' Jannar 1582 bejn Antonio Chinai sive Cefai ma Lucrezia Ordop bint Paolo.

Imma għal mument nassumu biss, li l-biċċa l-kbira mill-588 tieġ, jew kollha saru fl-Assunta tal-Kastell, fejn kif għedna l-Għawdxin kollha kienu kostretti li jorqdu bejn ir-rebbiegħa u l-ħarifa, għalkemm ħafna minnhom fil-fatt djarhom kienu l-barra mis-Sur, fir-Rabat u fil-kampanja. Dawn waqt li kienu jkunu magħluqa fil-kastell; għal-lejl biex jorqdu, jew għal xi jiem imħabba l-biża ta' l-attakki, kienu jqisu l-knisja l-KBIRA TAL-KASTELL bħala l-knisja "PARROKKJALI TA' ĦTIEĠA", filwaqt li kienet taqdi ta' parroċċa għal dawk residenti għal kollox hemm ġew. Wieħed irid iqis wkoll (i) Li mhux il-588 tieġ ġew amministrati kollha bejn ir-Rebbiegħa wil-ħarifa, u (ii) Dawk iż-żwieġijiet tad-DOTA li kienu kostretti li jiżżewwġu hemm fuq, u li minnhom hemm ħafna, allavolja dawn ma kienux residenti tal-Kastell.

## ŻWIEĠIJIET F'SAN ĠORĠ 1615-1625

Minn 'fontes' oħra kif semmejna sentejn ilu, skoprejna li bejn l-10 ta' Frar 1615 sat 13 ta' Lulju 1625, fil-knisja Parrokkjali ta' S. Ġorġ, il-VENERANDA parroċċa ta' Għawdex, iż-żwieġ ġie amministrat 104 darbiet, liema żwieġijiet MA HUMIEX reġistrati fl-eqdem reġistru taż-Żwieġijiet il-lum esistenti fl-Arkivju tal-knisja ta' S. Ġorġ. Għalhekk fi tmiem dan li studju, ser inġibu lista ta' dawn l-104 tieġu, sabiex kulħadd jiċċekkja r-riżultat ta' din il-kitba.

## "TA'PINU" - DAWL ĠDID

L-ewwel żwieġ eżistenti llum fl-Arkivju ta' S. Ġorġ huwa reġistrat li sar fit-8-8-1626, u kien bejn GIOVANNI-FILIPPO MUSCAT iben Giorgio u Marietta, ma CATERINA GAUCI bint Pino u Clara (Bongibino). Dan PINO GAUCI, missier l-għarusa kien l-istess PINO GAUCI li għalih baqgħet imsemmija l-knisja 'TA' PINU', għax kien hu li fis-sena 1619 ħallas il-Kwadru tal-Madonna li tpitter minn Amadeo Perugino. Dan iż-żwieġ kien ġie amministrat mill-Kanonku Kappillan ta' S. Ġorġ, Dun Angelo Modlun, li kien ukoll Pro.Vigarju għal Għawdex fis-snin, 1589, 1592, 1610, 1614, 1615, 1616, 1617, 1618, 1619, 1620, 1621, u 1623. Modlun kien inħatar Kanonku tal-Katidral ta' Malta fid-9 ta' Jannar 1619. S'issa wrejna wkoll li l-Kanonikati u l-Uffiċċju ta' Vigarju / Pro Vigarju għalGħawdex ma kienx xi monopolju tal-Kappillani ta' l-Assunta, bħal ma forsi riedu jinsinwaw xi uħud.

## XAQQ DAWL ĠDID

Kien dan iż-żwieġ storiku tat-tifla "TA'PINU" li fetaħli triq oħra ta' riċerka. Staqsejt lili nnifsi, imma fejn iżżewwġu Giorgio u Marietta Muscat, il-ġenituri tal-għarus, u fejn iżżewwġu Pino Gauci u Clara Bongibino?

B'sabar kbir bdejt riċerka fil-Volum tal-Kurja (1556-1628) u sibt li Pino Gauci u Claretta Mongibino huma fih irreġistrati li żżewwġu fit-8-12-1611, imma kif għidna ma hemmx f'liema knisja żżewwġu. Fittixt ukoll iż-Żwieġ ta' Giorgio u Marietta Muscat, il-ġenituri tal-għarus, imma dan iż-żwieġ ma jidhirx reġistrat fil-volum tal-Kurja li semmejn. Għalhekk jekk dan iż-żwieġ masarx f'Malta sar bil-fors f'waħda miż-żewġ knejjes t'Għawdex. Imma għaliex ma huwiex elenkat fir-Reġistru tal-Kurja t'Għawdex. Kien hemm xi reġistru ieħor li sal-lum għad ma nstabx jew inqered?

Ma nafux, aktarx iva inkella le.

## PRINĊIPJU LI SEGWEJT

U b'dan il-prinċipju qbadt l-ismijiet u l-kunjomijiet tal-ġenituri ta' kull għarus u ta' kull għarusa (liema għarajjes iżżewwġu f'S. Ġorġ bejn Frar 1615 wit-13 ta' Lulju 1625, b'kollox 104 tieġijiet, li jinvolvu 104 għarus, 104 għarusa. Kull għarus kellu żewġ ġenituri (208 persuni), tant ieħor għan-naħa ta' l-għarajjes nis (208 persuni). Għoddejthom flimkien u jew b'kumbinazzjoni jew għal xi raġuni oħra it-total ġie ta' "416" il-tieġ ieħor la saru żgur qabel l-1605. Dawn iż-żwieġijiet kienu tal-ġenituri li uliedhom, iżżewwġu f'S. Ġorġ.

Tgħid b'kumbinazzjoni għandna l-istess għadd ta' tiġijiet daqskemm hemm reġistrati fil-volum tal-Kurja bejn l-1556 u Jannar 1615? Tgħid billi ma kienx hemm limiti definti sa l-1625, kien hemm xi ftehim prattiku

bħal tal-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira-nhar il-Ġimgħa l-Ġimgħa l-Kbira - fi żmienijietna - Darba hemm fuq u darba hemm isfel? Jew bħall-arranġament tat-Tberik tal-Għid, kulħadd idaħħal l-Arċipriet li jrid? Imma aħna għal mument assumejn biss li ż-żwieġijiet elenkati f'tal-Kurja saru lkoll hemm fuq. Għalhekk ejja anke għal-mument nassumu li dawn iż-żwieġijiet tal-ġenituri (li uliedhom iżżewġu żgur f'S. Ġorġ) huma (il-ġenituri tagħhom) iżżewwġu wkoll S. Ġorġ, liema 416 il-żwieġ saru bilfors wara l-1556 u qabel l-1605 (biex uliedhom setgħu jiżżewwġu bejn l-1615-1625).

Fir-Reġistru tal-Kurja hemm elenkati 416 il-tieġ li saru lkoll f'Għawdex bejn l-1556 u l-1615. Imma aktarx iva milli le, il-maġġuranza tal-ġenituri tagħhom (ta' l-inqas dawk sa l-1575) kienu Maltin u iżżewwġu Malta. Rajna wkoll li mill-104 tieġ li saru f'S. Ġor bejn l-1615 u l-1625 jemanaw 416 il-tieġ ieħor (dawk tal-ġenituri tagħhom) li saru ilkoll qabel l-1605. Hawn mingħajr ma ngħoddu il-104 tieġijiet (tal-ulied tagħhom li seħħu bejn l-1615-1625), ngħoddu biss l-416 il-tieġ elenkati f'tal-Kurja ma l-416 il-tieġ li jemanaw mill-manuskritt tal-Bibljotek Nazzjonali Nru. Ad 13 u jġibu 832 tieġ bejn l-1556-1615, jiġifieri 1664 għarus u għarusa u 6,656 ġenituri tagħhom. B'kollox 8,320 ruħ involuti bejn l-1556 u l-1615.

Darba li ma din il-figura jiġu miżjuda dawk li matul l-istess perijodu baqgħu ma żżewwġux, u darba li jitnaqqsu l-imwiet kollha, jew dawk kollha li għal xi raġuni jew oħra telqu minn Għawdex matul l-istess żmien, nistgħu naslu għal xi figuri qrib is-sewwa tal-popolazzjoni t'Għawdex fl-1575 u fl-1615. Dan qed ngħiduh għaliex il-Kappillan tal-Kastell fl-1575 qal lil Dusina li kellu 800 parruċċan, filwaqt li dak ta' S. Ġorġ qallu li ma jaħsibx li kellu aktar minn 100. B'kollox 900 ruħ, fil-waqt li Dusina nniffsu f'Relazzjoni li jagħmel wara l-Viżta Pastorali tal-1575, ma qagħadx fuq din il-figura, imma niżżel li fl-1575 il-popolazzjoni t'Għawdex kienet ta' 3,000 ruħ. Liema hija il-figura it-tajba? Dan nuruh fi studju ieħor dwar Ċensimenti f'Għawdex bejn 1241-1700.

**X'GĦAMILNA**

Bis-sabar kollu flejna u ċċekkjajna wieħed b'wieħed l-isem u l-kunjom taż-żwieġijiet tal-ġenituri (ta'dawk li uliedhom kif għidna żżewwġu f'S. Ġorġ bejn l-1615-1625), -liema żwieġijiet saru bilfors qabel l-1605, ma' l-ismijiet u l-kunjomijiet ta' Żwieġijiet elenkati fir-Reġistru tal-Kurja. Ir-riżultat kien li minn dawn l-416 il-tieġ, sebgħa biss huma reġistrati f'tal-Kurja, (li fil-lista ta' hawn tant huma dawk immarkati b'asterisk).

Dan ifisser li għandna 407 tiġijiet li saru qabel l-1605, li ma humiex reġistrati fil-volum tal-Kurja. Kienu dawn Maltin? U jekk dawn kienu Maltin kollha żżewġu u lkoll Malta u uliedhom iżżewġu ilkoll f'Għawdex? Imma Għawdex fejn, fil-Kastell jew f'San Ġorġ? U li ma humiex inklużi f' tal-Kurja, u jekk iżżewwġu f'Għawdex, għandna 407 tiġijiet oħra x'inżidu ma' tal-Kurja.

Ejja nassumu li dawn l-407 tieġ saru lkoll f'S. Ġorġ, għax ma humiex elenkati f'tal-Kurja, magħhom irridu nżidu dawk iż-żwieġijiet (li ma nafux kemm huma) li saru f'S. Ġorġ u huma reġistrati f'tal-Kurja, bejn l-1556 u l-1615.

U fatt ukoll li mill-416 il-tieġ reġistrati f'tal-Kurja, għandna nnaqqsu tal-inqas żwieġ wieħed fis-sena bejn l-1556-1615, dawk marbuta mad-dota ta' hemm fuq, u allura kostretti li jiżżewwġu fil-knisja ta' Santa Marija, għalkemm forsi kienu parruċċani ta' San Ġorġ, jiġi jibqa' 357 tieġ li wħud minnhom saru f'San Ġorġ (ma nafux kemm) u oħrajn seħħu 'in Ecclesia maiori predicti castri'.

F'din il-lista ta' hawn taħt tal-104 żwieġijiet li saru f'San Ġorġ t'Għawdex bejn l-1614 u l-1625 hemm involuti 81 kunjom differenti, Iżda innotajna wkoll li fil-maġġuranza tagħhom il-kunjomijiet biss, huma komuni wkoll fost il-kunjomijiet fir-Reġistru tal-Kurja bejn l-1556-1615. Għandna studju lest dwar fl liema sena jissemmew l-ewwel darba bosta kunjomijiet wara l-1551 f'Għawdex, liema kunjomijiet aktarx ma kienux jeżistu f'Għawdex qabel l-1551, jew jekk kienu jeżistu ma jissemmewx f'dokumenti eżistenti.

**ŻWIEĠIJIET FIL-KNISJA PARROKKJALI TA' SAN. ĠORĠ 1615 - 1615**

Dawk il-ġenituri immarkati b'asterisk " * ", jidhru elenkati fir-Reġistri tal-Kurja t'Għawdex. Qed nassumu li l-għarajjes kollha ta' l-inqas kellhom 19 il-sena, meta żżewwġu. Dan qed nassumuh biex innaqqsu 20 sena mid-data taż-żwieġ ta' l-għarajjes u naslu għas-sena l-aktar tardiva li fiha setgħu jiżżewġu l-ġenituri tagħhom. Hekk, per eżempju, il-ġenituri ta' dawk li iżżewġu fl-1615, huma (il-ġenituri) iżżewġu fl-1595 jew qabel.

**1615 Sebgħa żwieġijiet**

| | GĦARAJJES | IBEN/BINT | ĠENITURI | DATA ŻWIEĠ |
|---|---|---|---|---|
| 1. | MERCIECA | Giacobb | Nardo u ...?... | 10-2-1615 |
| | MUSCAT | Grazia | Giuseppe u Giulia | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 2. | DEBRINCAT | Paolo | Paolo u Giovanna | 10-2-1615 |
| | ...?... | Giovanella | Geronimo u Agata | |
| | .......... | | | |
| 3. | BONELLO | Giulio | Domenico u Anna | 10-2-1615 |
| | SPITERI | Anna | Giacomo u Marietta | |
| | .......... | | | |
| 4. | SPITERI | Domenico | Berto u ...?... | 19-3-1615 |
| | BONELLO | Caterina | Domenico u ...?... | |

Billi isem il-mara ta' Berto Spiteri huwa nieqes fil-Manuskritt tal-Bibljotek Nazzjonali, jista jkun li huwa dak reġistrat f'tal-Kurja fl-10 ta' Jannar 1561 li kien iżżewweġ lil Paola Galea bint Paolo.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | .......... | | | |
| 5. | AGIUS | Pietro | Maso u Orsola | 11-8-1615 |
| | RAPA | Caterina | Giulio u Maria | (Ara n.87) |
| | .......... | | | |
| 6. | AZZOPARDI | Domenico | Giovanni u ...?... | 27-9-1615 |
| | CIAPPARA | Laurica | Giuseppe u ...?... | |

Billi għal darba oħra isem il-mara ta' Giovanni Azzopardi huwa nieqes, jista jkun li dan Giovanni kien iben Brincio u Imperia li fir-Reġistru tal-Kurja jidher li fis-7 ta' Jannar 1593 iżżewweġ lil Domenica Ianula bint Angelo u Imperia. Ara wkoll Nru. 57, 83 iżjed il-quddiem.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | .......... | | | |
| 7. | MANNARA | Domenico | Angelo u Vittoria | 29-11-1615 |
| | Pace | Veronica | Pietro u Elisabetta | |
| | .......... | | | |
| | 1616 (tmien żwieġijiet) | | | |
| 8. | BAJADA | Battista | Bastiano u Domenica | 23-2-1616 |
| | CAMILLERI | Giulia | Pietro u Caterina | |
| | .......... | | | |
| 9. | ŻARB | Giov-Paolo | Antonio u Paula | 27-2-1616 |
| | SAPIANO | Caterina | ...?... u Giulia | |
| | .......... | | | |
| 10. | TABONE | Bartolomeo | Bendo u Vinċenza | 27-2-1616 |
| | MERCIECA | Argenta | Salvo u Caterina | |
| | .......... | | | |
| 11. | CAMILLERI | Sigismondo | Giuseppe u Giovanna | 28-2-1616 |
| | CASSAR | Giuseppe | Francesco u Vincenza | |
| | .......... | | | |
| 12. | ...?... | Vincenzo | ...?... u ...?... | 24-5-1616 |
| | ATTARD | Caterina | ...?... u ...?... | |
| | .......... | | | |
| 13. | SAMMUT | Mario | ...?... u ...?... | 28-9-1616 |
| | XICLUNA | Giulia | Domenico u Francesca | |
| | .......... | | | |
| 14. | MANGION | Martino | Mariano u Giovanna"*" | 21-9-1616 |
| | GATTIARE | Martina | Salvo u Giovanella | |

Fir-Reġistru tal-Kurja fit-8 ta' Novembru 1603, insibu li Mangion Mariano, iben Giovanni u Giovanna, iżżewweġ lil Giovanna (Anna) bint Blasio u Margerita. Mid-data ta' dan iż-żwieġ jidher li Martino kien it-tifel ta' Mariano minn xi żwieġ qabel, għax ma jistax ikun li iżżewweġ ta' 13 il-sena.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | .......... | | | |
| 15. | ZOPARDO | Pasquale | Salvo u Agnese | 21-9-1616 |
| | GUARNER | ...?... | Pasquale u Francesca | |
| | .......... | | | |

1617 (ħames żwieġijiet)

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 16. | CALLEJJA | Pietro | Giov-Paolo u Orsola | 16-4-1617 |
| | VELLA | Maria | Michele u ...?... | |
| | .......... | | | |
| 17. | CARCEPP | Lucio | Gusmano u Giovanella"*" | 17-5-1617 |
| | ...?... | Gionella | Armla ta' Giulio Cumbo | |
| | .......... | | | |

Carceppo Gusmano iżżewweġ lil Sansone Giovanella fit-23 ta' Marzu 1566. Iż-Żwieġ jidher elenkata fir-Reġistru tal-Kurja.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | .......... | | | |
| 18. | SAGUNA | Ambrogio | ...?... u ...?... | 9-7-1617 |
| | CAUCHI | Argenta | Valerio u Imperia | |
| | .......... | | | |
| 19. | BORG | Giuseppe | ...?... u ...?... | 7-8-1617 |
| | AGIUS | Isabella | Leonardo u Caterina | |
| 20. | BONNICI | Tommaso | Armel ta' .....? | 27-10-1617 |
| | BUHAGIAR | Giovanella | Leonardo u Vincenza | |
| | 1618 (tlettax il-żwieġ) | | | |
| 21. | TEUMA | GUSMANO | Antonio u Antonia"*" | 18-2-1618 |
| | CASSAR | Mattiola | Angelo u Giovanella | |

Fir-Reġistru tal-Kurja fid-data 10-4-1583, insibu li Teuma Antonio (Pietre-Antonio) iben Andrea u Leonora, iżżewweġ lil Savone Antonia, bint Gulielmo u Vincenza.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 22. | LA FAUREA | Domenico | Ferdinando u Imperia | 5-5-1618 |
| | ARMANI | Emilia | Domenico u Bernarda | |
| | .......... | | | |
| 23. | VELLA | Tomaso | Mario u Imperia | 6-5-1618 |
| | FARRUGIA | Imperia | Salvo u Caterina | |
| | .......... | | | |
| 24. | CARUANA | Domenico | Martino u ...?... | 6-5-1618 |
| | SPITERI | Grazia | Martiano u ...?... | |
| | .......... | | | |
| 25. | MUSCAT | Pasquale | Giacobo u Margerita | 21-5-1618 |
| | FALZON | Angela | Giovanni u Maddalena | |
| | .......... | | | |
| 26. | XERRI | Francesco | Pietro u Angela | 19-8-1618 |
| | GRECH | Vittoria | Antonio u Marianna | |
| | .......... | | | |
| 27. | PLATAMONE | Vittorio | Bartolomeo u Margerita | 24-7-1618 |
| | CAFAR | Clemenzia | Mariano u Agata | |
| | .......... | | | |
| 28. | GRIMA | Pietro | Mariano u Agata | 27-7-1618 |
| | ZAHIRA | Elena | Maso u Vincenzo | |
| | .......... | | | |
| 29. | FENECH | Pietro | Giorlando u Paulina | 28-7-1618 |
| | CARUANA | Argenta | M'Angelo u Margerita | (ara no 101) |
| | .......... | | | |
| 30. | TEUMA | Pino | ...?...u...?... | 29-7-1618 |
| | BUGEIA | Domenica | Armla ta' Giuseppe | |
| | .......... | | | |
| 31. | BUTTIGIEG | Pietro | Nicolo' u Vennera | 7-10-1618 |
| | CIANTAR | Marietta | Pietro u Margerita | |
| | .......... | | | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 32. | MIZZI | Oliverio | ...?...u...?... | 2-12-1618 |
| | TABONE | Vincenza | Armla ta' Vincenzo | |
| 33. | MICALLEF | Battista | Nicola u Marietta | 2-12-1618 |
| | DE REGINA | Marietta | ...?...u...?... | |
| | .......... | | | |
| | 1619 (tmintax il-tieġ) | | | |
| 34. | FENECH | Michele | Marco u Elena | 9-3-1619 |
| | GAUCI | Agata | Pietro u Imperia | (ara nru. 46) |
| | .......... | | | |
| 35. | TABONE | Domenico | Antonio u Barbara | 15-4-1619 |
| | DARMANIN | Isabella | Domenico u Bernarda | |
| | .......... | | | |
| 36. | PORTELLI | Mario | Brancato u Imperia | 20-5-1619 |
| | CALLEIA | Argenta | Consales u Paula | |
| | .......... | | | |
| 37. | CAMILLERI | Michele | Armel ta' ...?... | 15-6-1619 |
| | PORTELLI | Imperia | Armla ta' Brancato | |

Imperia kienet taħbat omm Mario Portelli (nru.35)

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 38. | CUMBO | Antonio | Giorgio u Caterina | 22-6-1619 |
| | VELLA | Angelica | Damiano u Agata | (ara 84) |
| | .......... | | | |
| 39. | CORDINA | Lucio | Andrea u Caterina | 30-6-1619 |
| | GAFÀ | Angelica | Mariano u Agata | |
| | .......... | | | |
| 40. | CUTAJAR | Salvo | Tomaso u ...?... | 1-7-1619 |
| | CARUANA | Geronima | Mario u Imperia | |
| | .......... | | | |
| 41. | XERRI | Mariano | ...?...u...?... | 1-7-1619 |
| | BAJADA | Isabella | Vincenzo u Vincenza | |
| | .......... | | | |
| 42. | GRIMA | Pietro | Mariano u Agata | 7-7-1619 |
| | BORG | Elena | Giovanni u Vincenza | |
| | .......... | | | |
| 43. | PACE | Giovanni | Pietro u Isabella | 8-7-1619 |
| | ...?... | ...?... | ...?...u...?... | |
| | .......... | | | |
| 44. | DALLI | Giacomo | Mario u Agata | 18-7-1619 |
| | VELLA | Giovanella | Mario u Imperia | |
| | ara wkoll nru. (22) | | | |
| | .......... | | | |
| 45. | BARBERI | Francesco | Lorenzo u Caterina"*"(ara nru 85) | 19-7-1619 |
| | AZZUPARD | Clemenza | Giovanni u Domenica | (ara nru. 6,45,57) |

Fir-Reġistru tal-Kurja nsibu li Barberi Lorenzo iben Antonio, iżżewweġ lil Gauci (Cauchi?) Caterina bint Tomaso u ... fl-1 ta' Novembru 1575. Tifel ieħor ta' Lorenzo, Giov-Paolo iżżewweġ lil Micallef Bellica bint Antonio u Vincenza wkoll fil-knisja ta' San Ġorġ fl-24 ta' Jannar 1624 (nru.85). Ara wkoll Nru.6.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | .......... | | | |
| 46. | FENECH | Michele | Silvestro u Luna | 19-7-1619 |
| | GAUXI | Agata | Pietro u Imperia | (ara nru.34) |
| | .......... | | | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 47. | CAUCHI | Paolo | Valerio u Imperia | 1-8-1619 |
| | STELLINI | Geronima | Geronimo u Marietta | |
| | Ara wkoll nru. 18. | | | |
| | .......... | | | |
| 48. | MERCIECA | Andrea | Salvatore u Caterina | 24-8-1619 |
| | MIZZI | Lucrezia | Giovanni u Clemenzia | |
| | Ara wkoll Nru.10. | | | |
| | .......... | | | |
| 49. | SANSONE | Antonio | Pietro u ...?... | 22-11-1619 |
| | ZERAFA | Petra | Damiano u l-armla ta' Cauchi Paolo | |
| | .......... | | | |
| 50. | VASSALLO | Domenico | Mejo | 24-11-1619 |
| | GUARRERI | Andreana | Pasquale u ...?... | |
| | Ara wkoll nru. 15. | | | |
| | .......... | | | |
| 51. | AGIUS | Pasquale | Mario u Vincenza | 22-12-1619 |
| | CHIARAMONTE | Matteola | Mikelangelo u Margerita | (ara nru. 73) |
| | .......... | | | |
| | 1620 (tlettax il-żwieġ) | | | |
| 52 | D'AVOLA | Agostino | Armel ta' ...?... | 3-2-1620 |
| | MAGRO | Marulla | Bartolomeo u ...?... | |
| | .......... | | | |
| 53. | BUGEIA | Paolo | Armel ta' ...?... | 29-3-1620 |
| | MUSCAT | Lucrezia | Antonio u ...?... | |
| | .......... | | | |
| 54. | MIZZI | Paolo | Armel ta' ...?... | 7-6-1620 |
| | CAMILLERI | Laurea | Armla ta' Bartolomeo | |
| | .......... | | | |
| 55. | BRINGHELI | Domenico | ...?... u ...?...(ara 65, 94) | 19-6-1620 |
| | ...?... | Vennera | ...?... u ...?... | |
| | .......... | | | |
| 56. | MUSCAT | Luca | ...?... u ...?... | 19-6-1620 |
| | CAPPARA | Grazia | Giuseppe u ...?... | |
| | .......... | | | |
| 57. | BUGEIA | Pietro | Paolo u ...?... | 12-8-1620 |
| | AZZUPARD | Marietta | Giovanni u ...?...(ara nru.83.85) | |
| | ara nru. 6 u Nru. 45 | | | |
| 58. | AZZUPARD | Geronimo | Lorenzo u...?... | 14-8-1620 |
| | ATTARD | Isabella | Andrea...?... | |
| | .......... | | | |
| 59. | XERRI | Angelo | Armel ta' ...?...(ara nru,62) | 14-8-1620 |
| | ...?... | Laurea | Armla ta' ...?... | |
| | .......... | | | |
| 60. | BONDÌ | Matteo | Armel ta' ...?... | 22-8-1620 |
| | ...?... | Caterina | Armla ta' ...?... | |
| | .......... | | | |
| 61. | BUGEJA | Lazzaro | ...?... u ...?... | 24-8-1620 |
| | MERCIECA | Romana | Santoro u ...?... | |
| | .......... | | | |
| 62. | XERRI | Bartolomeo | Angelo u ...?... (ara nru 36) | 30-8-1620 |
| | GREGO | Giacoba | Angelo u ...?... (ara nru. 64, 102) | |
| | ara nru. 59, | | | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | .......... | | | |
| 63. | BARBERI<br>FENECH | Antonio<br>Antonia | Simione u ...?...<br>Ferrai u ...?... | 17-9-1620 |
| | .......... | | | |
| 64. | GREGO<br>AGIUS | Orlando<br>Maria | Angelo u ...?... (ara nri 62,102)<br>Lonardone u ...?... | 20-12-1620<br>(ara nru. 19.) |
| 1621 | (seba' żwieġijiet) | | | |
| 65. | Bringheli<br>XUEREB | Agostino<br>Maddalena | Domenico u ...?...(ara nru 55,94)<br>Alfonso u ...?... | 13-1-1621 |
| | .......... | | | |
| 66. | FENECH<br>CASSAR | Dionisio<br>Speranza | Ferdinandu u ...?...<br>Francesco u ...?... | 16-1-1621 |
| | .......... | | | |
| 67. | SALIBA<br>FARRUGIA | Gio-Maria<br>Maria | Andrea u ...?...<br>Matteo u ...?... | 22-1-1621 |
| | .......... | | | |
| 68. | ATTARD<br>FENECH | Marco<br>Caterina | Domenico u ...?...<br>Armla ta' Agostino (Fenech) | 1-2-1621 |
| | .......... | | | |
| 69. | GRIMA<br>SPITERI | Giuseppe<br>Margerita | Giacobo u ...?...(ara nru. 73)<br>Gasparo u ...?... | 1-5-1621 |
| | .......... | | | |
| 70. | TOBAGLIO<br>BORG | Bartolomeo<br>Giovannella | Pietro u ...?...<br>Casparo u ...?... | 10-7-1621 |
| | .......... | | | |
| 71. | GRECH<br>VELLA | Gregorio<br>Clara | Matteo u ...?...<br>Giovanni u ...?..."*" | 20-9-1621 |

Fir-reġistru tal-Kurja nsibu li fit-23 ta' Frar 1603, Vella Giovanni iben...(?Michele) iżżewweġ lil Darmanin Pawlina bint Domenico. Jekk din Clara, kienet frott ta' dan iż-żwieġ, fl-1621 ma kellhiex aktar minn 18 il-sena. Setgħet kienet frott ta' xi żwieġ qabel ta' waħda mill-partijiet.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | 1622 (erba' żwieġijiet) | | | |
| 72. | SPITERI<br>XUEREB | Giov-Maria<br>Domenica | Antonio u ...?...<br>Alfonso u ...?... | 29-1-1622 |
| | .......... | | | |
| 73. | GRIMA<br>CHIARAMONTE | Geronimo<br>Andreana | Giacobo u ...?... (ara nru.69)<br>Nicol-Angelo u ...?...(ara nru.51) | 4-9-1622 |
| 74. | GREGO<br>CUTAIAR | Mario<br>Caterina | Salvo u ...?...<br>Domenico u ...?... | 23-9-1622 |
| | .......... | | | |
| 75. | XERRI<br>MIFSUD | Giov-Maria<br>Vennera | Giuliano u ...?...<br>Giuliano u ...?... | 10-10-1622 |
| | .......... | | | |
| | 1623 (disa' żwieġijiet) | | | |
| 76. | MACANUTI | Maria | Mariano u ...?... | |
| 77. | CUMBO<br>SACCULI | Bernardo<br>Maria | Marciano u ...?...<br>Pasquale u ...?... | 30-4-1623 |
| | .......... | | | |

Fis-6 ta' Ġunju 1623 l-Isqof Balthassare Cagliares ħaseb għat-twaqqif ta' dik il-knisja li Dusina sejjħilha *"Ecclesia Maiori Predicti Castri',* u li hu (Cagliares) sejjħilha *'Questa Matrice Chiesa dell'isola dell'Gozzo'* f'Kolleġġjata soġġetta għal: "... *beneplacito e consenso di nostro Signore Papa Gregorio XV e della Santa Sede Apostolica..."* liema Kolleġġjata ma ġiet qatt rikonoxxuta minn Ruma, imma fl-20 t'Ottubru 1663, il-Papa **waqqaf** għall-ewwel darba, u mhux irrikonoxxa il-kolleġġjata mwaqqfa minn Cagliares. Il-bolla ġiet esegwita 'EŻATTAMENT' bis-sentenza tal-Qorti tal-Inkwiżitur tat-28 ta' Frar 1668. Dan qed ngħiduh

għaliex wara Ġunju 1623 u tul is-sena kollha 1624 ma sar l-ebda żwieġ fil-Kolleġġjata bla konferma.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 78. | SPITERI | Sebastiano | Francesco u Margerita | 4-7-1623 |
| | DEBONO | Maria | Domenico u Margerita | |
| | .......... | | | |
| 79. | SANT | Tommaso | Geronimo u Margerita | 25-8-1623 |
| | DIMECH | Agnese | Mariano u Margerita | |
| | .......... | | | |
| 80. | ATTARD | Salvo | Giacobo u Margerita | 25-8-1623 |
| | GAMBINO | Agostino | Angelo u Giovanella | |
| | .......... | | | |
| 81. | ATTARD | Domenico | Giacobo u Margerita | 25-8-1623 |
| | GAMBINO | Marietta | Angelo u Giovanella | |
| 82. | ŻAMMIT | Luca | Pietro u Caterina | 25-8-1623 |
| | MERCIECA | Lorenza | Lorenzo u Imperia | |

Hawn qabel inkomplu xtaqna nagħmlu kumment żgħir. Għandna **erba'** żwieġijiet f'jum wieħed, u l-erba' tiġijiet ġew amministrati f'San Ġorġ. Kif għedna fis-6 ta' Ġunju 1623 il-'Parroċċa' tal-Kastell ġiet eretta f'"kolleġġjata tal-Qassisin" mill-Isqof Cagliares, fuq il-pariri ta' Pontremolijiet li kienu jiġu minnu. Din l-erezzjoni kienet suġġetta għal-**beneplacito** ta' Ruma (kif għedna). Darba eretta f'Kolleġġjata, hija kellha titlef 'ipso facto' il-"Parrokkjalità tagħha, tant li kif rajna wara is-6 ta' Ġunju 1623 u matul 1624, ma ġie amministrat l-ebda żwieġ fil-Kolleġġjata, li kien għad ma hijiex konfermata minn Ruma. Allura 'nsaqsu minn dawn l-erba' żwieġijiet f'jum wieħed fil-Parroċċa ta' San Ġorġ kienu żwieġijiet tad-dota li normalment fis-snin ta' qabel kienu jsiru fil-**parroċċa** tal-Kastell?

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 83. | ZUPPARD | Paolo | Giovanni u Vennera (ara nru.57) | 9-9-1623 |
| | MUSCAT | Domenica | Giuseppe u Giulia | |
| | .......... | | | |
| 84. | MICALLEF | Domenico | Paolo u Geronima | 14-10-1623 |
| | VELLA | Domenica | Damiano u Agata | (ara 38) |
| | .......... | | | |
| | 1624 (14 il-żwieġ) | | | |
| 85. | BARBERI | Giov-Paolo | Lorenzo u ...?...(ara nru.45) | 24-1-1624 |
| | MICALLEF | Bellica | Antonio u Vincenza | |
| | .......... | | | |
| 86. | PSAILA | Giov-Domenico | ...?... u ...?... | 3-2-1624 |
| | XERRI | Laura | Angelo u ...?...(ara nru.62) | |
| | .......... | | | |
| 87. | CACHIA | Giuseppe | ...?... u ...?... | 4-2-1624 |
| | RAPA | Paulica | Giulio u ...?... (ara nru.5) | |
| | .......... | | | |
| 88. | MIZZI | Lucio | Vincenzo u ...?...(ara 100) | 15-3-1624 |
| | FONTANA | Angelica | Andrea u ...?... | |
| | .......... | | | |
| 89. | CAMILLERI | Natale | ...?... u ...?... | 19-3-1624 |
| | MICALLEF | Paulina | Domenico u ...?... | |
| | .......... | | | |
| 90. | BORG | Michele | ...?... u ...?... | 29-4-1624 |
| | XUEREP | Margarita | Armla ta' Domenico | |
| | .......... | | | |
| 91. | MERCIECA | Antonio | Pietro u ...?... | 2-5-1624 |
| | CALLEJJA | Argenta | Orlando u ...?... | |
| | .......... | | | |
| 92. | MAGRO | Lorenzo | Naino u ...?... | 3-5-1624 |
| | XUEREP | Grazia | Mario u ...?... | |
| | .......... | | | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 93. | MIZZI<br>CARUANA | Battista<br>Grazia | Vincenzo u Geronima(aranri.89-100)22-5-1624<br>Armla ta' Domenico | |
| | .......... | | | |
| 94. | BRINGHELI<br>VASSALLO | Agostino<br>Maruzza | Armel ta' ...?...(ara nri. 55 u 65)<br>Giuseppe u ...?... | 13-7-1624 |
| | .......... | | | |
| 95. | Vella<br>...?... | Giorgio<br>Angiolina | Aloisio u ...?...<br>...?... u ...?... | 12-8-1624 |
| | .......... | | | |
| 96. | BIGENI<br>ZERAFA | Pietro<br>Lucrezia | Armel ta' ...?...<br>Mariano u ...?... | 12-8-1624 |
| | .......... | | | |

Hawn ukoll għandna żewġ żwieġijiet f'jum wieħed u t-tnejn saru f'jum wieħed, qrib il-festa ta' S. Marija. Tgħid huma żewġ żwieġijiet tad-dota, billi matul l-1624 ma sar l-ebda żwieġ fl-hekk imsejjħa Kolleġġjata ('bla beneplacito u bla kunsens ta' Ruma)?

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 97. | DE NICOLACI<br>CIAPPARA | Giovanni<br>Nicolina | Nicola u ...?...<br>Giuseppe u Maria | 1-9-1624 |
| | .......... | | | |
| 98. | XIRIHA<br>SPITERI Geronima | Giovanni<br>Agostino...?... | Paolo u ...?... | 13-9-1624 |
| | .......... | | | |
| | 1625 (6 żwieġijiet) | | | |
| 99. | SPITERI<br>SPITERI Angelica | Angelo<br>Gasparo u ...?... | Gasparo u ...?... | 10-3-1625 |
| | .......... | | | |
| 100. | CARUANA<br>MIZZI | Michele<br>Grazia | Vincenzo u Laurea<br>Vincenzo u Geronima (ara nru.28) | 12-7-1625 |
| | ......... | | | |
| 101. | CAMILLERI<br>CARUANA | Salvo<br>Emilia | Pasquale u Domenica<br>M'Angelo u Margerita | 22-8-1625<br>(ara nru.29) |
| | .......... | | | |
| 102. | VASSALLO<br>GREGO | Giov-Maria<br>Geronima | Giuseppe u Laurea<br>Angelo u ...?...(ara nri.62,64) | 31-8-1625 |
| | .......... | | | |
| 103. | XHAXIXA<br>ZOPPARD | Tomaso<br>Grazia | Ambrogio u Marietta<br>Giov-Paolo u Marietta | 6-9-1625 |
| | .......... | | | |
| 104. | SPITERI<br>CALLEJA | Giovanni<br>Isabella | Giacobo u Marietta (ara nru.3)<br>Valerio u Margerità | 13-9-1625 |

Billi sal-bidu tas-sena 1625, Ruma ma rrikonoxietx il-Kolleġġjata, u għalkemm l-Isqof fl-20 t'Ottubru tal-1625 reġa' "WERA" x-xewqa tiegħu li l-Kolleġġjata tiġi ikkonfermata minn Ruma, dina damet bosta snin biex tiġi ikkonfermata, (jew aħjar 'Imwaqqfa' fl-1663 u mwettqa fl-1668), għaldaqstant billi (għall-Ruma) "il-Kolleġġjata tal-Qassisin", kienet meqjusa bħal il-knisja "parrokkjali" tal-kastell, fid-19 ta' Mejju 1625 beda jiġi amministrat mill-ġdid is-Sagrament taż-żwieġ fiha. Matul 1625 iżżewwġu 19 il-darba. Kien proprju f'din is-sena li l-Isqof, iżżunżunjat minn Ta' Pontremoli, billi Ruma kienet għad ma ikkonfermatx il-Kolleġġjata, u sabiex jekk din il-konferma tibqa' ma tiġix, iffissa u iffirma l-limiti tal-"Parroċċa" ta' Santa Marija u l-limiti tal-Parroċċa tar-Rabat. Dwar dan diġa' ktibna sentejn ilu. Kull waħda miż-żewġt knejjes kienet imġegħla jkollha r-Reġistri tagħha li fihom jiġu elenkati Magħmudijiet, Griżma ta' l-Isqof, żwieġijiet u Mwiet, għalkemm dawn kienu diġa jiġu reġistrati.

Minn dawn l-104 żwieġ li saru f'San Ġorġ joħorġu għadd ta' fatti. Wieħed jinnota li f'xi ġranet is-Sagrament taż-żwieġ ġie amministrat aktar minn darba. Il-jiem huma dawn: 10-2-1615 tliet darbiet (kien jum S. Pawl - hawn ta' min iżid li l-festa ta' S.Pawl kienet għadha kemm iddaħħlet fil-gżejjer. Fis-27-2-1616 darbtejn, 21 ta' Settembru 1616 darbtejn. Fis-6-5-1618 darbtejn, 2-12-1618 darbtejn. Fl-1-7-1619 tliet

darbiet, 19-7-1619 darbtejn. Fid-19-6-1620 darbtejn, 14-8-1620 darbtejn, 25 t'Awissu 1623 ERBA darbiet u 12-8-1624 darbtejn. Nafu wkoll li l-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ kellha wkoll imhollija xi legati taż-żwieġ, għal-tmiem is-seklu XVI, bidu tas-seklu XVII.

## GĦELUQ

Fost dawn il-104 żwieġijiet li saru f'San Ġorġ hemm involuti 86 kunjom differenti, li fil-maġġuranza tagħhom (il-kunjomijiet biss u mhux il-persuna) huma komuni wkoll fost il-kunjomijiet fir-Reġistru tal-Kurja (1556-1605). Illum neżaminaw biss dawk ta' San Ġorġ, darba oħra niflu tal-Kurja. Ftit minn dawn il-kunjomijiet kienu jeżistu f'Għawdex qabel l-1551. Dawk immarkati b'żewġt ** kienu jeżistu qabel l-1551. L-oħrajn safejn nafu, dehru f'Għawdex l-ewwel darba wara l-Assedju tal-1551. L-ewwel data hija s-sena li tfaċċaw f'Għawdex fir-Reġistru tal-Kurja, filwaqt li t-tieni data hija dik li jidhru l-ewwel data fir-Reġistru AD.13. tal-Biblioteka Nazzjonali li jittratta dwar iż-żwieġijiet ta' San Ġorġ. Dawk il-kunjomijiet fejn l-ewwel data hija nieqsa, jidhru l-ewwel darba f'dak ta' San Ġorġ. (A.D.13).

**KUNJOMIJIET TA' DAWK LI ULIEDHOM IŻŻEWWĠU F'S.ĠORĠ BEJN 1615-1625**

| | Kunjom | Pre.1551 | Kurja | S.Ġo. |
|---|---|---|---|---|
| 1. | Agius | | 1561 | 1615 |
| 2. | Armani | | | 1618 |
| 3. | Attard | **(Tardus) | 1571 | 1616 |
| 4. | Azzopardi | | 1561 | 1615 |
| 5. | Bajada | ** 1409 | 1560 | 1616 |
| 6. | Barbieri | **(Berberi) | 1566 | 1619 |
| 7. | Bigeni | | 1563 | 1620 |
| 8. | Bonello | | 1560 | 1615 |
| 9. | Bonnici | ** (Binnichi) | 1563 | 1617 |
| 10. | Borg | | 1561 | 1617 |
| 11. | Bringheli | | | 1620 |
| 12. | Bugeja | ** | ***1561*** | ***1618*** |
| ***13.*** | ***Buhagiar*** | ** (Buxaier) | | 1617 |
| 14. | Buttigieg | | 1564 | 1618 |
| 15. | Cafar | | 1604 | 1618 |
| 16. | Callejja | ** | 1570 | 1617 |
| 17. | Camilleri | | 1561 | 1616 |
| 18. | Carceppo | | 1564 | 1617 |
| 19. | Caruana | | 1591 | 1618 |
| 20. | Cassar | | 1563 | 1616 |
| 21. | Cauchi | **(Cauki) | 1580 | 1617 |
| 22. | Chiaramonte | ** | 1559 | 1619 |
| 23. | Ciantar | | 1571 | 1618 |
| 24. | Ciappara | ** | 1569 | 1615 |
| 25. | Cordina | | | 1619 |
| 26. | Cumbo | | 1569 | 1619 |
| 27. | Cutajar | **(Chutaye) | | 1619 |
| 28. | Dalli | **(Dallo) | 1601 | 1619 |
| 29. | Darmanin | | 1604 | 1619 |
| 30. | D'Avola | **(Avula) | 1604 | 1620 |
| 31. | Debono | | | 1623 |
| 32. | Debrincat | | | 1625 |
| 33. | De Nicolaci | ** | 1567 | 1624 |
| 34. | De Regina | | | 1618 |
| 35. | Dimech | | 1578 | 1623 |
| 36. | Falzon | **(Falsuni) | 1596 | 1618 |
| 37. | Farrugia | **(Farruia) | 1570 | 1618 |
| 38. | Fontana | ** | 1566 | 1624 |
| 39. | Gafà | | | 1619 |
| 40. | Gambino | **(Gambinu) | 1570 | 1623 |
| 41. | Gattiare | | | 1616 |
| 42. | Gauci | | 1562 | 1619 |
| 43. | Gentil (i) | | 1566 | 1623 |
| 44. | Grech | **(Grecu) | 1572 | 1618 |
| 45. | Grego | | 1560 | 1620 |
| 46. | Grima | | 1562 | 1618 |
| 47. | Guarreri | ** | | 1619 |
| 49. | La Faurea | | | 1618 |
| 50. | Maccanutii | **(Machanuc) | | 1623 |
| 51. | Magro | | 1569 | 1620 |
| 52. | Mangion | | 1563 | 1616 |
| 53. | Mannara | ** | 1604 | 1615 |
| 54. | Mercieca | **(Merchic) | 1563 | 1615 |
| 55. | Micallef | | 1560 | 1618 |
| 56. | Mifsud | ** | | 1622 |
| 57. | Mizzi | | | 1618 |
| 58. | Muscat | | 1556 | 1615 |
| 59. | Pace | | 1570 | 1615 |
| 60. | Platamun | ** | | 1618 |
| 61. | Portelli | | 1561 | 1619 |
| 62. | Psaila | | 1571 | 1624 |
| 63. | Rapa | ** | 1561 | 1615 |
| 64. | Sacculi | | | 1623 |
| 65. | Saguna | ** | 1570 | 1617 |
| 66. | Saliba | ** | 1563 | 1621 |
| 67. | Sammut | ** | | 1621 |
| 68. | Sansone | **(Sansuni) | 1566 | 1619 |
| 69. | Sant | | | 1623 |
| 70. | Sapiano | | | 1616 |
| 71. | Spiteri | | 1560 | 1615 |
| 72. | Stellini | | 1597 | 1619 |
| 73. | Tabone | ** | 1560 | 1618 |
| 74. | Teuma | * * | 1560 | 1618 |
| 75. | Tobaglio | | | 1621 |
| 76. | Vassallo | | 1570 | 1619 |
| 77. | Vella | ** | 1559 | 1617 |
| 78. | Xerri | | 1571 | 1618 |
| 79. | Xhaxixa | | 1571 | 1625 |

*ikompli f'paġna 65*